**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 18 ta' Jannar 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roxanne Tabone)**

**Vs**

**EMANUEL GRIMA**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Emanuel Grima detentur tal-karta tal-identita' 531053M fejn gie akkuzat talli

1. b'diversi atti maghmulin minnek fi zminijiet differenti, u cioe talli bejn ix-xahar ta`Gunju u Lulju tas-sena 2021 gewwa diversi toroq f`H`Attard, li jiksu l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe vettura tal-ghamla Suzuki Swift ta` kulur abjad

bin-numru tar-registrazzjoni FCO023 liema hsara tammonta ghall-4,204.22 Ewro li saret ghad dannu ta` Leanne Farrugia;

2. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Leanne Farrugia biza` li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-propjetajiet ta` xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1);

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383,384 u 385 tal-kap 9 tal-ligijiet ta` Malta ghas-sigurta tal-vittma Leanne Farrugia;

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta` protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta` Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza, kif ukoll f`kaz ta` htija ma` kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta’ l-10 ta’ Lulju 2021, ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f’din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat f’dik l-udjenza stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena/sanzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkunsidrat;**

**Illi in tema ta' l-ahjar sanzjoni indikata, din il-Qorti qed tqis l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt li sa llum l-imputat hallas id-danni minnu kkawzati lil Leanne Farrugia, kif ukoll il-*pre-sentencing report* imhejji u pprezentat mill-ufficjal tal-probation Ritianne Sultana Grech.**

**Dawn il-fatturi kollha jimmeritaw li jigu ndirizzati fis-sanzjoni li ser issegwi.**

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 31, 222(1), 251B U 325(1)(A) TAL-KAPITOLU 9 TAL-LIGIJIET TA' MALTA, ISSIB U TIDDIKJARA LILL-IMPUTAT EMANUEL GRIMA HATI, FUQ AMMISSJONI TIEGHU STESS, TA` L-IMPUTAZZJONIJET KOLLHA KIF DEDOTTI KONTRA TIEGHU U, MINFLOK PIENA :**

1. **tordna** li, *ai termini* ta' Arikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa jitqieghed taht Ordni ta' *Probation* taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* ghal tliet (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet li jidhrilhom li ghandhom jimponu, minn zmien ghal zmien, l-ufficcju tal-probation.

   Dan l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-importanza ta' din l-ordni u wissietu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma' joqghodx ghal

kundizzjonijiet ta' dan l-ordni u accertat ruhha li l-istess hati accetta li joqghod ghall-kundizzjonijiet ta' dan l-ordni.

2. **Ordni skond l-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Bis-sahha u ai termini ta` l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti qeghda bil-prezenti taghmel **Ordni ta` trattament** fil-konfront tal-hati **Emanuel Grima** u dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu ta` tlett (3) snin, li jibdew jiddekorru mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat, skond il-pjan u kura imfassal mill-professjonisti, kollox skond u taht id-direzzjonijiet tal-ufficju tal-probation;

Il-Qorti fissret lil **Emanuel Grima** fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jikser l-ordni ta' probation u/jew l-ordni tat-trattament imposti fuqu.

**Ordni skond l-Artikolu 382A u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Finalment, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikolu 382A u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fid-dawl tal-atteggjament tieghu, kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta' **Leanne Farrugia** u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari taghha, u ghaz-zamma tal-ordni pubbliku, l-Qorti qeghda bil-prezenti u f'termini generali taghmel **Ordni ta` Trazzin** fil-konfront tal-hati **Emanuel Grima** billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess **Emanuel Grima** milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuni msemmija, u billi tipprojbixxi lil **Emanuel Grima** milli jikkuntattja, jdejjaq jew b'kull mod iehor jimmolesta lill-persuni msemmija,

U dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu massimu dispost mill-Ligi li jibda jiddekorri mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Il-Qorti fissret lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikser din l-Ordni mposta.

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur